**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 16 ta' Jannar, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**-vs-**

**Joseph Spiteri, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 392540M**

***Kumpilazzjoni Nru. 357/2013***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Spiteri u ċioè talli:

Nhar il-25 ta' Novembru, 2010 ghall-habta ta' 17:50hrs fi Triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar, waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBR153:

(1). B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' David Dean Jason Debattista skond kif iċċertifika Dr. P. Farrugia M.D. (Reg 2660) u griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Stephen Bartolo minn Dr. Jeffrey Bonnici M.D. (Reg. No. 3214);

(2). Saq l-imsemmija vettura b'manjiera (a) traskurata, (b) bla kont, u (c) perikoluza.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f'Novembru, 2010, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma illum 16 ta' Jannar, 2018.

Illi ghalkemm ir-reat sehh fil-25 ta' Novembru, 2010, l-akkuza inqrat illum, wara li fit-12 t'April, 2013, din giet assenjata lil din il-Qorti diversament preseduta.

Illi r-reat l-aktar gravi kontestat lill-imputat hu dak fl-ewwel imputazzjoni u cioe` ir-reat ravvizat bl-artikolu 226(1)(a) tal-Kodici Kriminali. Dak ir-reat hu punibbli b'massimu ta' sena prigunerija.

Illi l-Artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali **jipprovdi:**

**688.** Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni –.....

(*d*) bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena;;

Illi ghalhekk it-terminu ta' hames snin li fiha setghet titmexxa l-azzjoni kriminali ilu li skada sa mill-25 ta' Novembru, 2015.

Fid-dawl ta' dan il-Prosekuzzjoni irtirat l-akkuza.

Il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**